# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Seduta tad-Distrett: Naxxar

Il-Pulizija

(Spettur Ritienne Gauci)

(Spettur Joseph )

Vs

Alfred Casha

Illum, 12 ta`Marzu, 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra **Alfred Casha** ta' 76 sena, iben John Mary u Carmela nee' Muscat imwieled Zebbug fis-06/06/1943 u residenti gewwa 'Sunflower', Triq Ewgenio Borg, Zebbug detentur tal-karta tal-identita' numru 441343 M akkuzat talli nhar it-2 ta' Novembru 2022 kif ukoll fil-granet ta' qabel fl-akkwata ta' Sqaq il-Hofra, Gharghur minghajr il-hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex tippretendi li ghandek, gieghelt bl-awtorita' tieghek innifsek lil Rachel Mercieca thallas dejn jew tesegwixxi obligazzjoni tkun li tkun jew fixkilt lil Rachel Mercieca fil-pussess ta' hwejjigha b' xi mod iehor kontra l-ligi jew indhalt fi hwejjeg haddiehor.

Rat l-affidavit ta' PS 9 A Cini ipprezentat mat-tahrika tal-kawza; tal-Perit Dr Robert Musumeci li pprezenta r-rapport tieghu Dok RM fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2024; ta' Joseph Carl Aquilina; ta' Rachel Mercieca; ta' PC 2080 Rachel McKay; ta' Mark Mercieca li xehdu quddiem l-perit tekniku appuntat f' dawn il-proceduri;

Rat li fis-seduta tas-7 ta' Marzu, 2023 l-Qorti hatret lil Dr Robert Musumeci sabiex jaghmel access u jisma' xhieda u jasal ghal konkluzjonjijiet tieghu rigwardanti dan il-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat l-art. 85 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat id-dokumenti, ix-xhieda u l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Xhieda tal-Prosekuzzjoni

Illi jigi rilevat li d-dokumenti ezebiti mill-prosekuzzjoni fis-seduta tas-7 ta' Marzu, 2023 Dok A, Dok B u Dok C ma ghandhom ebda' konnessjoni ma dan il-kaz.

**Affidavit ta' PS 9 A Cini** ipprezentat mat-tahrika tal-kawza. Jiddikjara bil-gurament li nhar it-2 ta' Novembru 2022 irrapportaw gewwa l-ghassa tan-Naxxar il-konjugi Rachel Mercieca u Mark Mercieca. Rachel stqarret li ghanda bicca raba li tinstab fl-akwata ta' Sqaq il-Hofra fil-Gharghur u li kienet indunat li l-hajt li jifred l-ghalqa taghha u l-ghalqa ta' magenbha ta' certu Alfred Casha kienet imwaqqa. Stqarret li apparti dan kollu Alfred kien hadem l-ghalqa taghha izda b' tali mod li lejn in-naha ta' barra kien halla l-haxix

hazin sabiex ma jkunx jihder minn barra li l-ghalqa qed tinhadem. Stqarret ukoll li sabet l-kamra tal-ghalqa maghluqha b' katnazz li m' ghamlitx hi.

Alfred Casha gie mitkellem gewwa l-ghassa tan-Naxxar fejn inghata d-dritt legali liema dritt hu rininzja ghalieha u ffirma dikjarazzjoni. Alfred stqarr li hu wiret l-ghalqa in kwistjoni u kien qieghed inaddafa u harat nofsha. Mistoqsi jekk waqqax il-hitan hu stqarr li hu waqqa l-hajt tal-ghalqa tieghu stess biex ikun jista' jidhol fl-ghalqa minhabba li nehhewlu x-xatba minn fejn jidhol. Mistoqsi jekk wahhalx xi katnazz jirrispondi li wahhal kantazz mal-kamra tieghu. Hu ma pprezenta ebda' dokumenti li juru li l-ghalqa hija tieghu.

**Dr. Robert Musumeci** xehed fis-seduta tas-16 ta' Jannar, 2024. Dr Musumeci ipprezenta r-rapport teghu (Dok RM).

Il-konkluzjonijiet tal-espert huma fil-qosor

1. Il-pussess tal-ghalqa hija tal-kwerelanti. L-imputat skont kif iddikjara hu stess meta taha d-dikjarazzjoni tieghu lil pulizija "Alfred wiegeb li kien waqqa hajt golghalqa tieghu stess biex ikun jista' jidhol gewwa l-ghalqa minhabba li nehhewlu x-xatba min fejn nithol. . . "
2. Ma jihrix li kien hemm kontroversja specifikament fuq dan il-hajt. It-tnehhija tal-hajt hija konsegwenza ta' kwistjonijiet ohra li kienu ilhom jissussitu bejn il-partijiet.
3. Ma jirrizultax li l-imputat ghamel biex ipatti ghall-spoll tal-kwerelant.
4. Id-data preciza meta sehh l-att ma gietx definita. Mix-xhieda jirrizulta li l-kwerelanti raw il-hajt imwaqqa ghal ewwel darba f' Novembru 2022.
5. L-unika indizju li l-imputat wettaq spoll huwa fil-police incident report. L-imputat ghazel li ma jixhidx f' dawn il-proceduri.

Jinghad ukoll li l-perit tekniku sema' x-xhieda u gie ipprezentat dokumenti liema dokumenti huma inkluzi fir-rapport tieghu li jaghmlu parti minn dawn l-atti.

Ix-xhieda li taw id-depozizzjoni taghhom quddiem il-perit legali kienu:-

**Joseph Carl Aquilina** li xehed fis-seduta tad-19 ta' Mejju, 2023 quddiem il-perit tekniku. Fuq id-data jirrispondi li dak li gara gara qabel it-22 ta' Novembru, 2022, f' dik id-data indunaw b'li gara.

Lil imputat hu qatt ma rah u qatt ma kellmu.

Ma jistax jghid li ra lil xi hadd ihott il-hajt ghax ma kienx prezenti.

**Rachel Mercieca** li fis-seduta tal-20 ta' Gunju, 2022 xehedet

" B' ghajnejha, fi prezenza fizika, ma rajt lil hadd iwaqqa' l-hajt."

"Mistoqsija mwiegeb li l-ftuh tal-passagg ma nafx ezatt meta sar. L-ewwel darba li rajtu kien fit-2 ta' Novembru, 2022"

"Fiz-zmien li twaqqa' dan il-hajt fil-ghalqa taghna kellna haddiem jismu Rennie Scicluna jahdem fuq il-post. Rennie qatt ma semmielna xejn dwar dan il-hajt."

**Claudia Diacono** xehedet quddiem il-Perit tekniku fis-seduta tat-18 ta' Lulju, 2023 tipprezenta dokument li jikkonferma li Rachel Mercieca u Joseph Aquilina jihdru bhala shareholders tal-kumpanija Landmark Properties Limited.

**PC 2080 Rachel McKay** fis-seduta quddiem il-perit tekniku mizmuma fit-18 ta' Lulju, 2023 tipprezenta kopja tar-rapport tal-pulizija; ir-rifjut tal-imputat ghad-dritt tal-avukat; tlett site plas li kienu mar-rapport;

**Mark Mercieca** fis-seduta quddiem il-perit tekniku tal-18 ta' Lulju, 2023. Jixhed li darba mar jittawwal lill haddiema u isib il-hajt divizorju li jifred lilhom mis-sur Casha imwaqqa u kien hemm rampa. L-ghalqa taghhom kienet ukoll mahruta.

Il-hajt li twaqqa kien ta' madwar ghaxar peidi. Wara dan l-episodju qabbad in-nies u rega bena l-hajt a spejjez tieghu.

Sar jaf li l-hajt twaqqa ghax mar jiccekja u sabu hekk.

Wasal ghal konkluzjoni li kien is-sur Casha li ghamel hekk ghax il-hajt twaqqa minn naha tas-sur Casha lejn l-ghalqa taghna

Mistoqsi inwiegeb li qabel dakinhar mas-Sur Casha gieli kellhom dizgwid imma fuq dan il-hajt partikolari qall ma kien hemm issues bejniethom.

Ikkunsidrat

Illi għas-sejbien ta' ħtija kriminali il-Qorti trid ikollha ċertezza morali dwar il-ħtija tal-imputat, fi kliem ieħor trid tkun konvinta lil ħinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni, u li dawn il-provi ma jkunux ġew newtralizzati mid-difiża fuq bażi ta' probabbilta` Din iċ-ċertezza trid tkun tkun radikata f'eżami sħiħ u diliġenti tal-evidenza u s-sottomissjonijiet kollha miġjuba, tal-provi kollha ta' kull xorta li jkunu tressqu quddiemha u li jifformaw parti mill-atti proċesswali, u f'xejn iktar jew inqas minn hekk. Il-liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja il-ġudikant irid ikun assolutament ċert dwar il-ħtija u dan għaliex dan il-livell ta' prova mhux faċli jintlaħaq. Iċ-ċertezza morali, diversament miċ-ċertezza assoluta, hija l-ogħla threshold ta' prova li l-liġi teħtieġ fl-ordinament ġuridiku tagħna sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat kriminali. Jinkombi għalhekk fuq il-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex dan il-grad tal-prova jintlaħaq b'suċċess.

Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Peter Ebejer[1] , ġie riaffermat illi l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju, għaliex l-ombra ta' dubju ma jistax jitqies li huwa dubju li huwa dettat mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi

[1] Deciza 5 ta' Dicembru 1997

kollha, u dejjem bl-applikażżjoni tal-buon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni[2].

Illi kif ingħad ukoll f' diversi sentenzi fosthom Il-Pulizija v. Ali Mohammed Ali Alturouq[3], il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) riteniet

> "20. U huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil ħinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih."

Ikkunsidrat

Illi l-akkuza hija marbuta ma' data specifika u cioe' dik tal-22 ta' Novembru, 2022. Jirrizulta li id-data indikata hija meta l-kwerelanti saru jafu li kien twaqqa l-hajt u indunaw li kienet inhartet parti mill-ghalqa taghhom.

Hadd mix-xhiedha ma ra l-fatt isehh u allura ma hemm ebda' indikazzjoni ta' meta saru l-avvenimenti li taw lok ghal dawn il-proceduri.

Hadd biex xhieda ma raha lil imputat iwaqqa l-hajt imma assumew li huwa hu minhabba li kellhom kwistjonijiet ohra fil-passat bejniethom. L-unika indizju huwa dak li l-imputat stqarr mal-pulzija meta bghatu ghalieh.

Illi jirrizulta ukoll li l-hajt tas-sejjieh inbena lura ghal kif kien.

---

[2] Lord Denning fil-każ Miller vs Minister of Pension (1974 - 2 ALL ER 372), fir-rigward tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt' qal awtorevolment:- "Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong aġainst a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but notħing shall of that will suffice.

[3] Qorti tal-Appell (Inferjuri), Appell Nru. 17/2021, decizia 24.06.2021

Il-Qorti fid-dawl ta’ dan kollu qed tiddeciedi li l-akkuza ma gietx ipprovata lil hinn minn minn kull dubju dettat mir-raġuni illi trid il-liġi fil-kriminal.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-Artikolu 85 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qegħda ssib lil Alfred Casha mhux ħati tal-imputazzjonijiet kollha stante li ma ġewx soddisfaċentement ippruvati sal-grad rikjest mill-Liġi u għalhekk qegħdha tilliberah minn kull ħtija u piena dwarhom.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**